Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 434 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Joseph Mercieca

Vs

Omissis, Jason Galea

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jason Galea detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 161574 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Gewwa l-Belt Valletta, nhar it-18 ta' Settembru, 2010, ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu (7:45 am) flimkien ma' persuni ohra, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cjoe serq minn gewwa l-hanut Frank Zampa Jewellery sitwat fi Triq Santa Lucija, Valletta, wrew dan il-hsieb b' atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centemu ( €2329.37 )u bil-vjoienza fuq il-persuna ta' Francesco Zampa anzjan ta' disgha u sebghin ( 79 ) sena;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita

kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammu jew issekwestraw lil xi persuna u cjoe lil Francesco Zampa minn Valletta kontra l-volonta tieghu jew taw post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;

3. FI-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr iI-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Francesco Zampa f' periklu car, ikkagunaw offizi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess Francesco Zampa minn Valletta;

4. FI-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda rnhux elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centernu ( € 1164.69 ) u li saret ghad-detriment ta' Francesco Zampa;

5. FI-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti filwaqt li kienu qed jaghmlu reat kontra is-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna ( minbarra omicidju involontarju jew offiza nvolontarja fuq il-persuna ), jew ta' serq jew hsara fuq proprjeta ( minbarra hsara involontarja fil-proprjeta );

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-Belt Valletta u f' diversi bnadi ohra f' dawn il-gzejjer zammew f' xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond, xi arma tan-nar jew munizzjoni elenkati fl-iskeda II tal-Kap 480 minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

7. Lil Omissis wahdu talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b' sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

8. Lil Jason Galea wahdu talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b' sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-7 ta' Mejju, 2013,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Krirninali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 42 (d) (e), 41 (1) (b), 261 (a) (b) (c), 262 (1) (a) (b) (2), 263 (b), 267, 274 (c), 276 A, 277 (b), 278, 279 (b) u 280 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Fl-artikoli 42 (d) (e), 86, 87 (1) (c) (e) u 88 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fl-artikoli 42 (d) (e), 221 (1) (2) u 222 A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Fl-artikobi 42 (d) (e) u 325 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Fl-artikoli 42 (d) (e), 55 (a), 56, 57, 60 u 61 tal-Kap 480 tal-Ligiiiet ta' Malta;

f) Fl-artikoli 42 (d) (e), 5 (1) u 51 (2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) Fl-artikoli 49 u 50 ta-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

h) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Settembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41 (1) (b), 42 (d) (e), 49, 50, 86, 87 (1) (c) (e), 261 (a) (b) (c), 262 (1) (a) (b)

[1] Fol 340

(2), 263 (b), 267, 275, 276 A, 277 (b), 278, 279 (b), 280 (2) (3) u 325 (1) (c)[2] tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Jason Galea hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', is-seba' u t-tmien imputazzjoni, illiberatu mill-kumplament, u ikkundannatu ghal sitt snin u sitt xhur prigunerija.

Astjenit milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi jirrizulta li Marcus John Calleja, permezz tas-sentenza tal-11 ta' Lulju, 2011, kien gie kkundannat ihallas l-ispejjez peritali fl-intier taghhom.[3]

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jason Galea, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati u lliberatu mit-tielet, mill-hames u mis-sitt imputazzjoni;

2. Thassar u rirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', is-seba' u t-tminn imputazzjoni u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena;

3. F' kull kaz u sussidjarjament, thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

Dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

[2] Dan l-artikolu kien gie emendat bl-Att XXIV tal-2014
[3] Dok MM; fol 195

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi l-appellant umilment jissottometti li l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ghamlet apprezzament kompletament zbaljat u errat tal-provi migjuba quddiemha. Fil-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li toqghod esklussivament fuq ix-xhieda ta' Marcus John Calleja, filwaqt li ghazlet li tiskarta u tinjora l-evidenza l-ohra kollha migjuba quddiemha.

2. Illi l-appellant jibda sabiex l-ewwel u qabel kollox jaghmel referenza ghax-xhieda tal-istess Calleja[4], fejn Calleja jibda sabiex mill-ewwel jindika li flimkien ma' Michael Zahra, il-ko-akkuzat fil-proceduri odjerni, kienu d-detox u ftehmu li jaghmlu hold-up. Hawnhekk, l-esponent umilment jissottometti li l-istess Calleja sa mill-bidunett juri li huwa persuna taht il-hakma tad-droga, persuna li ghandu bzonn imur id-detox sabiex jikkontrolla l-vizzju li ghandu, persuna li taht ebda lenti ma tista' titqies li hija affidabbli.

3. Illi Marcus John Calleja jixhed li wara li hu u Michael Zahra ftehmu li kienu ser jaghmlu hold up, marru jkellmu lill-appellant. Meta mistoqsi ghalfejn kellhom ikellmu lill-appellant, dan iwiegeb *'Ghax hu kien jaf bl-affarijiet u hekk, hu'*. Umilment, l-appellant jistaqsi x' inhuma dawn l-affarijiet li suppost kellu jkun jaf hu? Sabiex sar dan il-hold up, ma kienx hemm bzonn ta' xi informazzjoni specifika, ma kienx

[4] A fol 48 tal-process

hemm bzonn li xi hadd ikun jaf il-post minn fejn wiehed setgha jidhol, ma kienx hemm bzonn ta' xi hadd li jiffinanzja din l-operazzjoni. Ma gie spjegat bl-ebda mod kif suppost kien hemm bzonn l-appellant sabiex isir dan il-hold up, iktar u iktar meta jigi kkunsidrat il-fatt li mill-provi kollha migjuba, jirrizulta b' mod assolut li l-appellant ma kienx wiehed mit-tlett agressuri. Ghalhekk lanqas biss jista' jinghad li kien hemm xi bzonn ta' persuna ohra sabiex tghinhom jikkommetta r-reat fih innifsu, dak li jigi riferut bhala extra muscle.

4. Illi l-appellant jinnota wkoll kif Marcus John Calleja spjega kollox fid-dettall sahansitra kif kienu lebsin hu u z-zewg agressuri l-ohra u fir-rigward tal-appellant ma semma xejn, la kif kien suppost liebes u lanqas fejn kien suppost qieghed.

5. Illi l-esponent umilment jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-ewwel Istanza, fejn il-Qorti sehqet li l-appellant xehed li dakinhar tal-hold up, huwa kien qieghed jaghmel xi xoghol ma' huh Charles Galea gol-garaxx li huwa ddeskrivih bhala l-hanut. Il-Qorti ziedet tghid li dan kien jaqbel ma' dak li xehed Marcus John Calleja u li skond hi dawn kien partikolaritajiet li huma difficli li jigu ffabrikati.

6. Illi f' dan ir-rigward, l-appellant umilment jissottometti li dak li naqset li tinnota l-Onorabbli Qorti kien il-fatt li Calleja lanqas biss kien jaf jindika fejn kien dan il-famuz garaxx u li ma kienx jaf fejn joqghod l-appellant. L-appellant umilment jisthoq li d-dar tieghu qeghda ezatt fl-istess triq tal-garaxx u li kieku kien vera li Calleja kien mar ghandu, zgur li kien jaf fejn kienu l-inhawi tal-garaxx u zgur ukoll li kien ikun jaf fejn kien joqghod l-appellant.

7. Illi l-appellant jissottometti li huwa facli li Calleja kien jaf li l-garaxx inkwistjoni kien jigi riferut ghalih bhala l-hanut, meta l-appellant sehaq bil-qawwa kollha li l-allegazzjonijiet kontra tieghu kienu kollha mqanqala minn Mario Camilleri, maghruf bhala l-Imniehru, li jigi ir-ragel ta' ohtu Mona u li kien il-habs fl-istess perjodu li kien fih Callejja, hekk kif ser jigi ulterjorment spjegat f' dan l-umli appell.

8. Illi l-appellant jaghmel ukoll enfazi kbira hafna lejn il-fatt li Calleja implika li l-appellant kellu joqghod ghassa tat-tfal ta' Frank Zampa. F' dan ir-rigward, hemm numru ta' osservazzjonijiet li l-appellant umilment jaghmel.

9. Illi l-ewwel osservazzjoni hija li Calleja naqas li bi kwalunkwe mod jispjega x' kellu jaghmel ezattament l-appellant. Kif suppost kellu joqghod ghassa tat-tfal ta' Frank Zampa, fejn kellu joqghod sabiex jaghmel din l-ghassa u iktar minn hekk kif kellu suppost jaghmel kuntatt maghhom fl-eventwalita' li wiehed mit-tfal ta' Frank Zampa jkun sejjer lejn il-hanut.

10. Illi t-tieni osservazzjoni hija li, la gie implikat li l-appellant ma setghax ikun wiehed mill-agressuri minhabba li huwa parruccan ta' Frank Zampa u allura kien jgharfu, l-istess ezatt jista' jintqal fuq it-tfal tieghu, fejn l-appellant xehed li xtara diversi drabi minghand it-tfal ta' Frank Zampa u fejn Frank Zampa stess gharfu bhala klijent tieghu u bhala persuna li dakinhar tal-hold up '*ma kienx hemm zgur*'[5]. Barra minn hekk, Renato Zampa, wiehed mit-tfal ta' Frank Zampa xehed ukoll quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u imkien ma

[5] A fol 64 tal-process

jidher li b' xi mod ra lill-appellant fl-inhawi tal-Belt Valletta, dakinhar tal-hold up.

11. Illi t-tielet osservazzjoni hija li nonostanti l-fatt li l-prosekuzzjoni gabret numru ta' CCTV recordings, imkien ma' jidher l-appellant fihom. Fil-fatt fix-xhieda tal-appellant stess, l-Onorabbli Qorti, hekk kif kienet preseduta dak iz-zmien, kienet hija stess gibdet l-attenzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fejn sehqet is-segwenti: '*Inti tapprezza li l-onus qieghed fuqek illi tipprova, inti ghandek xhud li qieghed jghid ma kienx qieghed hemm imbghad. hu qallek li jekk qieghed hemm ippruvaha, qed jghidlek gib ic-CCTV camera snap shots ghax dik l-unika prova li jista' jkollok*'[6].

12. Illi r-raba' osservazzjoni hija li bhalma gie kkonstat mill-ingagini li saret mill-pulzija mal-kumpanija li tmexxi ic-CVA li l-vettura ta' Calleja kienet il-Belt Valletta fil-hin tal-incident, u li fil-fatt mill-informazzjoni li kellha il-pulizija kienu tlett min-nies biha (ghalhekk l-appellant ma kienx maghhom), ma gie pprovat bl-ebda mod li l-vettura tal-appellant kienet il-Belt Valleta f' dak il-hin tal-hold up.

13. Illi l-hames osservazzjoni hija li lanqas gie indikat mill-istess Calleja kif b' xi mod kellhom jinfurmaw lill-appellant bl-isfratt tal-pjan li huma kellhom. Spjega fejn hu u z-zewg agressuri l-ohra harbu u fejn suppost mar l-appellant ma semma xejn.

14. Illi fuq l-ahhar osservazzjoni, l-appellant jissottometti wkoll li l-prosekuzzjoni ma gabghet ebda prova xjentifika ta' xi forma ta' komunikazzjoni bejn it-tlett agressuri u l-appellant. Ma ngabu ebda call profiles li juru li b' xi mod kien hemm xi

[6] A fol 353 tal-process

kuntatt telefoniku ta' xi forma li jista' b'xi mod jorbot jew jinplika lill-appellant mat-tlett agressuri. Fil-fatt l-appellant jisthoq bil-qawwa kollha li din il-prova ma ngabitx ghax hija inezistenti, ghax fil-fatt, l-appellant ma kellu xejn x' jaqsam ma dan il-hold up u ma kellu xejn x'jaqsam mat-tlett agressuri.

15. Illi l-appellant jaghmel enfasi kbira ukol fuq sensiela ta' domandi li saru lill-istess Calleja mill-prosekuzzjoni:

Pros: U x' kien it-tir, I mean, x' kien it-tir meta tidhlu gol-hanut? Kellkom idea kemm kontu se tisirqu bejn wiehed u iehor? U kif kontu ser taqsmu?

Xhud: Ma kellix idea; mhux naqsmu bejnietna!

Pros: Taqsmu indaqs? Xi hadd jiehu aktar? Kif?

Xhud: Naqsmu indaqs, l-affarijiet indaqs hu.

Pros: Indaqs. Bejn kemm?

Xhud: Mhux bejn tlieta (3)? Bejn erbgha (4).[7]

16. Illi hawn juri bid-car li meta wiegeb spontanjement, Calleja qal li kienu ser jaqsmu bejn tlieta, ghax fil-fatt kienu tlieta involuti fil-hold up in kwistjoni. L-allegat partecipazzjoni tal-appellant kienet biss invezzjoni ta' Calleja li ried jimplika lill-appellant, minhabba l-pressjoni li saritlu fil-habs minn Mario Camilleri maghruf bhala l-Imniehru, u sabiex igib piena

[7] A fol 54 tal-process

favorevoli ghalih bhalma fil-fatt ikkonferma fuq il-pedana tax-xhieda fil-kontra ezami li lien qieghed isirlu:

Difiza: I see! Jigifieri into kellimt l-avukat tieghek u rift tiddilja l-kaz tieghek u kxift lil dawn iz-zewg min-nies.

Xhud: Ehe

Difiza: Mhux hekk?

Qorti: Triq tghid iva jew le, sinjur.

Xhud: Iva, iva.[8]

17. Illi l-appellant jaghmel referenza wkoll ghax-xhieda tal-vittma Frank Zampa. L-istess vittma jghid li lejliet il-hanut dahal persuna allegatament sabiex jixtri xi curkett tat-tfal u li l-agir tieghu qanqallu suspett. Jghid fix-xhieda tieghu li dan ir-ragel '*Dahal bir-riverse*'[9] u li beda jahbi wiccu minnhu. Ghalkemm kien koncess mill-istess vittma li ma kienx cert li dan ir-ragel kien fil-fatt wiehed mill-agressuri, dan il-fatt juri probabbilta' kbira li lejliet il-hold up sar *reconnaissance* u allura lanqas f' din il-parti tal-pjan sabiex isir il-hold up ma jista' jigi mplikat l-appellant.

18. Illi l-appellant jirreferi ghax-xhieda tieghu quddiem l-Onorabbbli Qorti li huwa rrilaxxa nhar l-24 ta' Frar tas-sena 2015, fejn huwa spjega li dakinhar tal-hold up, hu kien qieghed flimkien ma huh Charles Galea jirranga hanut li

[8] A fol 57 tal-process
[9] A fol 63 tal-process

huwa ghandu fl-istess triq tad-dar tieghu u li kien ser jiftah ghat-tifla tieghu. Spjega kif f' xi s-sitta u nofs ta' filghodu nizlu fil-hanut sabiex jahdmu go fih u kif ghall-habta ta' xi s-sebgha u nofs, it-tmienja neqsin kwart marret hdejhom il-mara tieghu Judith Galea tehdilhom xi cafe' u xi toast. Spjega kif huma baqghu jahdmu sal-erbgha ta' wara nofsinhar u li kif mar id-dar filghaxija semgha fuq l-ahbarijiet li kien hemm dan il-hold up. L-appellant spjega kif minhabba l-fatt li huwa parruccan ta' Zampa, dan il-fatt gibidlu l-attennzjoni. Spjega wkoll kif filghaxija stess kien iltaqa' ma' huh bil-familji taghhom u kien semmielu li kien ra fuq l-ahbarijiet li kien sar hold up fuq Zampa.

19. Illi l-appellant spjega b' mod car u b'mod iddettaljat li darba minnhom kien qieghed ghand ohtu Mona fejn din kienet qed titkellem fuq it-telephone mar-ragel taghha Mario Camilleri maghruf bhala l-Imniehru, li kien qieghed il-habs, l-istess zmien li kien hemm il-habs Marcus John Calleja. Spjega li ohtu Mona bdiet tghajjat fuq it-telephone sabiex lil huha (ossia l-appellant) ihallih. L-appellant spjega bil-gurament tieghu li semgha lil ohtu Mona tghid *'lil Jason halluh, imbaghad f' daqqa' minnhom qaltlu ara x' jien navzak, qaltlu jekk jispicca Jason il-Habs la l-mija u tletin fil-gimgha ma tiehu inti li nhallulek il-Habs, u lanqas il-flus li thallas fuq barra tal-imbarazz li tiehu mill-Habs'.*[10]

20. Illi l-appellant kompla spjega li kif ohtu qatghet minn fuq it-telephone, din qaltlu li dak li ammetta, ossia Marcus John Calleja kien qieghed il-habs mal-istess Mario Camilleri u li dan ried bilfors li jimplika lill-appellant.

[10] A fol 348 tal-process

21. Illi fuq dan il-punt, l-ewwel Onorabbli qorti ghamlet enfazi kbira fis-sentenza taghha li l-appellant messu ghamel rapport mal-pulizija, messu talab li jinhargu l-akkuzi fil-konfront ta' Calleja u li dan in-nuqqas kien suppost b' xi mod jimplika li l-verzjoni mghotija mill-appellant ma kienetx wahda veritiera.

22. Illi f' dan ir-rigward, l-appellant umilment jissottometti li din il-mistoqsija imposta mill-Onorabbli Qorti kien diga wegibha fuq il-pedana tax-xhieda waqt il-kontro ezami tal-prosekuzzjoni, fejn huwa wiegeb li huwa kien *'bniedem irrikattat, mhedded, fuq li kienu jaghmluli wkoll ma mortx ghand pulizija qatt biex dejjem zammejt il-kwiet ahseb u ara ghax tkellmu hekk Mona u hu'*[11]. L-appellant umilment jissottometti li l-fama ta' Mario Camilleri maghruf bhala l-Imniehru kienet ben nota ma kulhadd. Fil-fatt huwa allegat li ghamel hsarat kbar lil hafna nies, izda kulhadd kien jibza' minnhu.

23. Illi in sostenn ta' l-ispjegazzjoni mghotija minnhu, l-appellant jirreferi ghal incident li sehh nhar is-27 ta' Frar tas-sena 2013. F' dan l-incident, l-appellant kien spicca mhedded minn Mario Camilleri maghruf bhala l-Imniehru, fejn dan ta' l-ahhar sahansitra beda jhedded lill-mara tal-appellant, Judith Galea, li kien ser jahraqilha id-dar. Fil-fatt, l-appellant kien irraporta dan kollu l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, fejn thejja rapport b' numru 6 A / N / 1316 / 2013, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A'.

24. Illi hekk kif l-appellant irritorna lura d-dar tieghu f' Birzebbuga, sab lill-istess Mario Camilleri maghruf bhala l-Imniehru jistennieh barra b' landa petrol fejn beda jheddu li

[11] A fol 353 tal-process

jekk l-appellant ma jmurx ihassar ir-rapport dak il-hin stess, kien ser jahraqlu d-dar, hekk kif fil-fatt kien hedded lil Judih Galea. In konsegwenza ta' dan it-theddid, l-appellant rraporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbuga, fejn talab lill-pulizija sabiex iwaqqa' r-rapport tieghu, fejn fil-fatt fir-rapport riferit hemm indikat li l-appellant kien talab li ma tittedihx aktar azzjoni fuq ir-rapport li huwa kien ghamel.

25. Illi l-appellant jaghmel referenza qawwija wkoll ghal dik il-parti tax-xhieda tieghu fejn huwa ghamel referenza ghal grajja partikolari li sehhet fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, grajja li sehhet quddiem l-istess Onorabbli Magistrati li kien sedenti dakinhar li ta' x-xhieda tieghu l-appellant, ossia l-Magistrat Dr. Carol Peralta:

Dr. Dalli: Kien hemm xi hadd li darba qam bil-wieqfa u qal fuqhek hawn gew quddiem il-Qorti?

Xhud: Iva niftakar dan l-incident, niftakar qam Michael Zahra konna bilqeghda hemm u beda jghajjat.

Dr. Dalli: Min kien hemm Magistrat dak iz-zmien?

Xhud: Is-Sur Peralta, u beda jghajjat, beda jghid dan ma kienx maghna, m' ghandux x' jaqsam maghna, m' ghandux x' jaqsam.[12]

24. Illi l-appellant umilment jirrileva li la l-Onorabbli Qorti u lanqas il-prosekuzzjoni ma kkontradew din l-istqarrija da

[12] A fol 350 tal-process

parti tal-appellant, dan il-fatt fih innifsu juri b' mod inkonfutabbli l-veracita' tal-istqarrija tieghu.

25. Illi sussegwentement l-appellant jissottemetti li hawn jidher b' mod kristallin li wiehed mill-agressuri stess indika li l-appelllant ma kellux x' jaqsam fil-hold up, l-istess Micahel Zahra li ma kellu ebda forma ta' *hidden agenda* u li ghaldaqstant, dan il-fatt ghandu wahdu jkun bizzejjed sabiex idahhal dak id-dubju, dak id-dubju dettat mir-ragun li l-appellant ma kienx involut fil-hold up mertu ta' dan l-umli appell.

26. Illi dan id-dubju jkompli jigi msahhah mix-xhieda mghotija minn mart l-appellant Judith Galea, li kkorroborat bis-shih il-verzjoni mghotija mill-appellant. Hija kkonfermat li dakinhar tal-hold up, l-appellant kien qieghed jahdem gol-hanut flimkien ma' huh Charles Galea. Ikkonfermat kif filghaxija kienu semghu l-ahbarijiet tas-sitta ta' filghaxija flimkien.

27. Illi f' dan ir-rigward, l-appellant umilment jirrileva li l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tax-xhieda ta' Judith Galea kienet kompletament zbaljata u errata. L-Onorabbli Qorti rrilevat li fix-xhieda taghha Judith Galea stqarret li ghal xi s-sbegha u nofs jew it-tmienja neqsin kwart kienet hadet xi cafe' u toast lill-appellant. Il-Qorti zzid tghid li '*Mumenti qabel izda mart l-imputat tikkontradici ruha dwar dan ghax fuq domanda tal-Qorti jekk kienitx semghet l-ahbarijiet tad-disgha ta' filghodu pronta tghid: "Le fis-sitta ta' filghaxija kien. Filghodu qas inkun imqajjma daqshekk kmieni'.*[13] *Kummenti ulterjuri dwar il-*

[13] A fol 367 tal-process

*veracita` o meno tad-deposizzjoni ta' mart l- imputat huma superfluwi."*

28. Illi l-appellant jirrileva li fl-istess risposta kkwotata mill-ewwel Onorabbli Qorti, Judith Galea ma kienetx qed tirreferi ghall-ahbarijiet tad-disgha ta' filghodu, izda huwa car hafna li hija kienet qed tghid ghall-ahbarijiet tas-sitta ta' filghodu. Fix-xhieda taghha, Judith Galea qatt ma semmiet id-disgha, izda dejjem sehqet is-sitta u meta saritilha id-domanda koncernanti d-disgha ta' filghodu, hija nnotat biss li kien hemm referenza ghal filghodu u mhux filghaxija. Dan fil-fatt huwa kkonfermat bil-frazi '*Filghodu qas inkun imqajjma daqshekk kmieni*'. Zgur li din il-frazi ma tistax tigi interpretata li qed jigi riferut ghad-disgha ta' filghodu, izda huwa car li kien qieghed jigi riferut ghas-sitta ta' filghodu.

29. Illi l-appellant jisthoq li l-verzjoni tieghu giet ikkoroborata wkoll mix-xhieda ta' Charles Galea, li kkonferma li dakinhar tal-hold up, huwa kien qieghed mal-appellant jahdmu fil-hanut, fl-istess triq li joqghod fiha l-appellant. Hawnhekk l-appellant jisthoq li l-onesta espressa mill-istess xhud hija wahda kbira meta sahansitra meta mistoqsi kif kien johrog il-kontijiet tax-xoghol li kien jaghmel iwiegedb '*Heqq nghidlek ezatt? Ghax dan ix-xoghol kont naghmlu kont nirregistra fhimt. Kont naghmel ix-xoghol hekk, issa heqq mhux il-verita' trid tkun taf*'.[14]

30. Illi l-appellant umilment jissottometti li in konsegwenza ta' dak kollu suespost, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-ragun. L-appellant umilment jissottometti li l-gurisprudenza nostrana

[14] A fol 363 tal-process

hija lineari u kostanti, fejn fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Abdilla deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' April tas-sena 2015 il-Qorti sehqet illi: *"F' kull kaz, l-onus probandi f' proceduri kriminali huwa dejjem dak ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk, id-dubju u n-nuqqas ta' kjarezza tax-xiehda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tad- Disinn kellu jittiehed favur l-esponent u jilliberah minn kull akkuza."*

31. Illi apparti minn hekk, kif professat mill-awtur Manzini - **onus probandi incumbit qui asserti,** u ghalhekk kien sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova lil hemm minn kull dubju dettat mir-ragun li l-appellant kien partecipi fil-hold up mertu ta' dan l-umli appell.

32. Illi l-appellant umilment jeccepixxi li x-xhieda ta' Marcus John Calleja ma setghet qatt titqies bhal safe and satisfactory u zgur li l-Onorabbli Qorti ma setghet qatt tghid li x-xhieda tieghu kienet ikkonfermata mill-vittma Frank Zampa fil-konfront tal-appellant. Anzi b' kuntrast kbir, il-vittma Frank Zampa jindika li kien zgur li l-appellant ma kienx prezenti waqt il-hold up.

33. Illi l-appellant huwa ben konsapevoli tal-fatt ukoll li ai termini tal-Artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali ta' Malta, "*ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar*", izda jissottometti li ix-xhieda ta' Marcus John Calleja kienet shiha u konvincenti u fid-dettall kollu fejn kien jirrigwardja lilu u z-zewg agressuri l-ohra u kienet ghal kollox vaga u mimlija lacuni u nieqsa minn kwalunkwe dettall fejn

kien jirrigwardja lill-appellant. Iktar minn hekk, il-verzjoni mghotija minn Calleja hija nieqsa minn kwalunkwe forma ta' prova korroborattiva ohra, anzi hija ghal kollox meghluba bl-*outburst* tal-ko akkuzat Michael Zahra li quddiem l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Carol Peralta jinsiti li l-appellant ma kienx involut.

34. Illi a kuntrarju, il-verzjoni tal-appellant hija msahha u kkorroborata bis-shih mix-xhieda ta' Judith Galea u ta' Charles Galea.

35. Illi barra minn hekk, l-appellant umilment jaghmel referenza wkoll ghall-fatt li huwa nstab hati tat-tminn akkuza, ossia li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

36. Illi dakinhar tal-hold up in kwistjoni, l-appellant kellu fedina penali netta ghajr sentenza mghotija fil-konfront tieghu fit-22 ta' Jannar tas-sena 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fejn l-appellant gie kkundannat ihallas multa ta' elf, mija u hamsa u sittin Ewro (€1,165).

37. Illi l-appellant jirrileva li wiehed mill-elementi tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ta' Malta huwa li l-piena inflitta tkun skontata. F' dan ir-rigward, l-appellant umilment jissottometti li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova dan l-element rikjest mill-ligi, ossia li l-multa kienet imhallsa u ghalhekk skontata.

38. Illi l-multa inkwistjoni giet imhallsa nhar il-5 ta' Lulju tas-sena 2012 b' permezz ta' ircevuta bin-numru 65370, liema rcevuta qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'B'. L-

appellant umilment jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Emanuel Abela[15], fejn l-Onorabbli Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha nnotat illi minhabba l-fatt li l-multa li kienet inflitta kienet ghada ma thallsitx, "*l-piena kienet ghadha ma gietx "skontata", u l-Artikolu 50 mhuwiex applikabbli*".

39. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant umilment jissottometti wkoll li l-piena inflitta fir-rigward tieghu kienet wahda ezagerata ghall-ahhar meta komparata ma dik mghotija lil Marcus John Calleja u lil Michael Zahra li t-tnejn inghataw il-piena ta' tlett snin prigunerija. L-appellant, kif gia indikat kellu fedina penali nadifa ghajr proceduri li ttiehdu fil-konfront tieghu fejn kien imjega persuni minghajr il-permessi mehtiega. Dan jikkontrasta bil-kbir mal-fedina penali taz-zewg persuni l-ohra li hija kkulurita u rafrettarja ghall-ahhar. Barra minn hekk, irid jigi kkunsidrat ukol li a kuntrarju tal-istess persuni, l-appelant gie lliberat ukol mit-tielet akkuza, li kienet tikkoncerna l-ferita inflitta fuq il-vittma Frank Zampa, u mill-hames u mis-sitt akkuzi li kienu jikkoncernaw il-pusses ta' arma jew imitazzjoni ta' arma waqt il-kommissjoni ta' reat ta' serq u l-pussess ta' arma minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulzija rispettivament.

40. Illi f' dawn ic-cirkostanzi, l-appellant umilment jissottometti li ma kellha tigi qatt inflitta piena li hija ta' aktar mid-dopju minn dik inflitta fil-konfront ta' Marcus John Calleja u Michael Zahra.

Ikkunsidrat,

15 Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs. Emanuel Abela, deciza nhar it-13 ta' Ottubru, 2014, numru 866/2011

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti tikkoncerna l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi, hija ghazlet li taghti affidabilita' lil-verzjoni moghtija mill-komplici Marcus John Calleja sabiex sabet htija fl-appellanti. Jishaq l-appellanti illi din ix-xhieda kienet tikkostitwixxi l-uniku prova li l-Prosekuzzjoni ressqet li kienet tipponta subajghha lejn l-appellanti u kwindi l-Ewwel Qorti meta ghaddiet biex strahet fuq dina l-uniku prova meta wasslet ghad-decizjoni taghhha ma osservatx id-dettami stabbiliti fil-ligi fl-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali.

Issa gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja. Illi f'dan il-kaz giet ipprezentata stampa fejn l-uniku xhud li jimplika lill-appellanti f'dan l-event kriminuz u cioe' Marcus John Calleja, kien komplici fil-kummissjoni tar-reati addebitati lill-appellanti, fejn il-kaz tieghu ghadda in gudikat. Illi allura meta ma ikunx hemm prova ohra la diretta u lanqas cirkostanzjali li jistghu jitfghu xi dawl fuq l-akkadut, ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "***u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.***'[16]"

Illi inoltre, bhal kif gara f'dan il-kaz partikolari mill-Ewwel Qorti, "biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji -

[16] Ibid

ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti.[17]"

Issa huwa minnu illi meta xehed Calleja, dan xehed quddiem gudikant iehor, u allura l-ezami tad-deportament tax-xhud ma setax isir, izda sewwa mxiet il-gudikant in prim'istanza meta ghamlet ezami ta' diversi cirkostanzi li fil-fehma taghha kienu jivvulneraw x-xhieda tal-imputat meta imqabbla mad-dettalji moghtija minn Calleja u l-provi l-ohra li sahhew id-deposizzjoni tieghu. Issa maghdud dan, madanakollu, Calleja ma kienx xhud kwalunkwe, fis-sens illi l-Ewwel Qorti, meta tigi biex tqies ix-xhieda tieghu kellha timxi b'kawtela kbira billi dan kien komplici fil-kummissjoni ta' dan il-hold-up mertu tal-kaz u li dwaru l-appellanti qed jiffaccja l-akkuzi odjerni. Illi permezz ta'l-introduzzjoni tas-sub-inciz 3 ghall-artikolu 639 permezz ta'l-Att XVI tal-2006, ma hemmx aktar il-htiega illi x-xhieda tal-komplici tkun korroborata izda wahedha hija bizzejjed diment illi min hu imsejjah biex jiggudika jimxi b'kawtela kbira qabel ma jigi biex jistrieh fuqha sabiex isejjes sejbien ta' htija. Dan ghaliex:

*"Din hija xhieda permessa bil-ligi, u sta ghall-Qorti li qed tisma' l-kaz li tqis din ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz li tkun qed tittratta. Din il-Qorti ma tarax li, bil-fatt biss, li xhieda ta' komplici hija permessa qed jinkiser id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq. Komplici hija persuna li tista' titressaq bhala xhud bhal kull persuna ohra, basta, ovvjament, li l-akkuzat ikollu l-istess possibilita' ta' kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif ghandu f'kaz ta' kwalunkwe xhud iehor. Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta' komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ix-xhieda b'certa kawtela …. Ma jistax, pero', jinghad li xhieda ta' komplici hija, a priori, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li, minhabba l-istat taghha ta' komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f'hekk. Il-principju ta' "equality of arms", ma jkunx gie*

[17] Amabile Cauchi vs Gianni Attard – App Krim. 21/05/1955

*mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta' kull xhud iehor. Il-kaz li x-xhieda ta' komplici tista' tkun "tainted" minhabba varji cirkostanzi, tista' tinghad fil-konfront ta' kull xhud, u l-Qorti li quddiemha jkun ghaddej il-kaz, hija zgur kompetenti biex tevalwa x-xhieda, tqis l-affidabilita' tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-ohra tal-kaz[18]."*

Premess dan allura l-Ewwel Qorti setghet bid-debita kawtela taghti affidament lix-xhieda tal-komplici u tiskarta dik tal-appellanti. Ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti meta wasslet biex taghmel dan, fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi, imxiet b'mod legger u ma qiestix il-provi kollha li kien hemm fl-atti. Fil-fatt is-sentenza motivata u studjata moghtija mill-Ewwel Qorti taghmel ezami approfondit tal-provi kollha li kien hemm fl-atti u ta' kull dettall u dan sabiex tissostanzja il-konvinciment morali taghha dwar il-veracita tal-fatti li kienu qed jigu esposti mill-komplici.

Issa l-figura tal-komplici hija ta "*dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa … jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qieghed jghinhom fit-twettiq tas-serqa per ezempju billi joqghod ghassa barra. …. Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel.*" …. Ma hux necessarju illi l-komplici jkun prezenti fuq ix-xena tad-delitt basta li jkun offra dik l-ghajnuna bi ftehim minn qabel.

Issa l-appellanti jallega illi Calleja, u cioe' il-komplici, gideb fil-konfront tieghu billi kien ftiehem ma' ragel ta' ohtu Mario Camilleri li mieghu ghamel xi zmien inkarcerat sabiex dan ta'l-ahhar "isallbu". Madanakollu, kif sewwa

[18] Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonal) – Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri deciza 25/05/2012 (ref.66/2011)

ikkonkludiet l-Ewwel Qorti l-appellanti jonqos milli iressaq prova sabiex jissostanzja dak minnu allegat ghal ta'l-inqas sal-grad tal-probabbli. Anke l-argument tieghu illi fil-jum u l-hin meta sehh l-event kriminuz huwa kien qed jahdem fil-hanut tieghu ma' huh Charles ma hijiex sufficjentement ippruvata billi la huh u lanqas martu ma jistghu jaghtu konferma dwar dak allegat mill-imputat appellanti billi lanqas kienu kapaci jindikaw b'mod preciz illi dak li kienu qed jixhdu dwaru sehh appuntu fil-jum tal-allegat *hold-up*. Fuq kollox mix-xhieda ta' Calleja ghandu johrog illi l-partecipazzjoni tal-appellanti fil-kummissjoni tas-serqa ma kellux ikun wiehed *in situ* u xioe' fuq ix-xena tad-delitt, ghaliex jidher illi l-involviment tieghu, wara li organizza din il-*hold-up*, kellu ikun limitat billi kellu joqghod ghassa ma'iben il-vittma u cioe' Renato Zampa li mill-provi ma jidhirx illi dak in-nhar kien prezenti fil-hanut, kif kien jidhe rli jaf ben tajjeb l-appellanti li kien klijent tal-hanut ta' Zampa.

Fuq kollox l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk: "*Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti*", regola li ghandha tapplika bl-istess qies ghal Prosekuzzjoni kif ukoll ghad difiza, b'dan ghalhekk illi ghalkemm l-persuna akkuzata ghandha id-dritt ghas-silenzju u mhi obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk taghzel li trid taghmel xi prova anke permezz tax-xhieda taghha, allura fil-konfront tal-akkuzat ghandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi. L-akkuzat allura ghandu jipprova dak allegat minnu <u>sal-grad tal-probabbli</u> u jekk dan il-grad tal-prova ma jilhqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Fil-fatt s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment: "*Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar ix-xhieda jghoddu ghall-imputat jew akkuzat li jaghti x-xiehda tieghu taht gurament*".

Illi l-esercizzju allura li kellha taghmel l-Ewwel Qorti, u li fil-fatt ghamlet, meta rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, kienet illi taghmel ezami tad-dettalji zghar li sawwru dan il-kaz sabiex tasal biex tistabbilixxi liema verzjoni hija l-aktar kredibbli u verosmili u cioe' dik mohmija mill-

Prosekuzzjoni jew dik mibnija mid-difiza. Fuq kollox id-difiza ma tressaqx raguni wahda 'il ghala Calleja, bniedem li lanqas kien jafu, kellu jigdeb fuqu ghajr ghal fatt illi jallega illi kien gie moghti struzzjonijiet mir-ragel ta' ohtu Mario Camilleri sabiex jaghmel dan. Dawn jistghu biss iwasslu ghal supposizzjonijiet u kongetturi u mhux ghal xi fatt ippruvat sal-grad mehtieg minnu fil-ligi. Illi di piu' jidher mill-atti probatorji illi l-ewwel darba li Calleja iddepona u implika lill-appellanti kien fit-22 ta' Lulju 2011 meta huwa xehed minn jeddu fil-kawza li kienet pendenti fil-konfront tieghu u dan wara li hu kien ammetta ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu, izda qabel ma gie issentenzjat! F'dan il-perijodu ta' zmien ma jidhirx illi Calleja kien jinsab inkarcerat u dan johrog kemm mill-fedina penali esebieta fl-atti ta' dak il-process, kopja ta' liema process hija esebieta in atti[19], minn fejn jirrizuta illi l-ahhar kundanna li kienet inghatat fil-konfront ta' dan Calleja kienet tirrisali ghas-sena 2004, kif ukoll mill-fatt illi Calleja inghata l-helsien mill-arrest fl-04 ta' Marzu 2011 u cioe' erba xhur qabel ma iddepona fil-Qorti. L-appellanti, minn naha tieghu, jindika meta jixhed, illi meta ohtu Mona irceviet it-telefonata minn ghand zewgha Mario li kien inkarcerat, fejn dan ta'l-ahhar beda ihedded lil Galea li kien ser jimplikah fil-hold-up, Calleja kien diga qieghed il-habs mieghu jiskonta s-sentenza tieghu. Kwindi din l-allegazzjoni hija ghal kollox inversomili u allura ma jirrizulta l-ebda mottiv li seta' wassal lil Calleja jigdeb fuq l-appellanti u jimplikah ingustament f'dan l-event kriminuz. Fuq kollox Galea qatt ma semma dan il-fatt meta gie arrestat mill-pulizija u interrogat u hareg b'din l-istorja biss erba' snin wara meta ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda. Mhux biss izda ix-xhieda li jaghti Calleja fit-22 ta' Lulju 2011 hija identika fid-dettall taghha ghal dak li jixhed imbaghad f'Awwissu 2011 meta jiddeponi f'din il-vertenza. Meta allura wiehed iqabbel x-xhieda ta' Calleja li fid-dettal taghha issib konfort anke mill-provi forensici bhall-istills esebieti mehuda mill-filmati CCTV, ghax-xhieda mimlija inezattezzi imressqa mid-difiza, fosthom ta' huh Charles Galea u ta' mart l-appellanti, kif spjegat l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, huwa bil-wisq evidenti illi hija x-xhieda ta' Calleja li ghandha mis-sewwa.

[19] Ara atti Volum II

Din il-Qorti tqies, allura, illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha u dan fid-dawl tal-fatt illi x-xhieda tal-imputat ma toffriex dik il-konsistenza u precizjoni fid-dettall taghha li certament ihallu dak il-*lurking doubt* f'mohh min irid jiggudika - u minn naha l-ohra x-xhieda ta' Calleja li hija preciza u sostanzjata minn provi ohra li hemm fl-atti li jikkonfortaw it-tezi ta' Calleja dwar il-*modus operandi* tal-hallelin. Ghaldaqstant din il-Qorti ma issib l-ebda mottiv li jista' iwassalha tiddipartixxi mil-fehma studjata u meqjuza tal-Ewwel Qorti u tichad dan l-aggravvju

Ikkunsidrat,

Illi jifdal biex jigi ezaminat l-aggravvju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellanti kienet wahda eccessiva tenut kont tal-fatt illi il-komplici tieghu Marcus John Calleja u Michael Zahra ghall-akkuzi identici gew ikkundannati ghal perijodu ta' tlett snin prigunerija meta hu wehel iktar mid-doppju ta' dan.

*"Illi jintqal li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999] , "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn.) Ukoll kif irriteniet fl-Appelli Kriminali "Il-Pulizija vs. Aronne Cassar" [28.10.2004] u "Il-Pulizija vs. Noel Frendo" [28.10.2004] , "din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenzi taghha fil-kawzi "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis u Brian Godfrey Bartolo" [14.11.2002] u "The Republic of Malta vs. Omissis and Perry Ingomar Toornstra" [12.6.2003], fejn fiz-zewg kazijiet gew citati b'approvazzjoni brani mill BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE u minn ARCHBOLD , "Criminal Pleading , Evidence and Practice" , li jezaminaw x' jghidu l-Qrati Inglizi f' sitwazzjonijiet simili, biex wiehed jislet certi linji ta' gwida.*

*Hekk fil-BLACKSTONE'S 2001, (para. D22.47 p.1650) jinghid :- "A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by Stroud (1977) In his judgement in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal – the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive . If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal' s view treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his Lordship put it, 'The Appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this Court should produce two wrong sentences. That is a submission which this Court cannot accept.' Other similar decisions include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes [1980] 74 Crim App R 161….. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, Wood (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction. Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (Dickenson [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus in NOOY (1982) 4 Cr App R (S) 308,*

*appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said : There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."*

*ARCHBOLD (2001 para. 5-174,p.571 jikkumenta hekk :- "Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: "would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had one wrong with the administration of justice ?" (per Lawton LJ in R. v Fawcett , 5 Cr. App. R. (S) 158 C.A.). The Court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see R. v. Large, 3 Cr. App. R. (S) 80 , C.A.) There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion : see R. v. Stroud , 65 Cr. App. R. 150 C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as in R. v. Wood … Fawcett, ante and Broadbridge , ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentences between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in Fawcett is satisfied."*[20]

Issa ma hemmx dubbju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwa fil-parametri tal-ligi, liema piena ma setatx tinghata fil-minimu taghha billi ir-reat tas-serq kien igorr mieghu l-aggravanti tal-vjolenza, mezz u ammont,

[20] il-Pulizija vs Sandro Mifsud – deciza 22/09/2005 App.Krim

liema vjolenza kienet diretta kontra persuna anzjana. Dan ifisser illi l-piena kellha terga tizdied b'iktar minn zewg gradi biex jirriflettu dawn l-aggravanti. Di piu' fil-kaz ta' Calleja u Zahra il-Qorti kellha quddiemha ammissjoni mill-persuna akkuzata fejn fil-kaz ta' Calleja dan sahansitra accetta li jikkopera mal-pulizija sabiex b'hekk setghu jitressqu il-persuni tal-komplici tieghu fid-delitt[21].

Illi madanakollu din il-Qorti tqies illi l-appellanti qatt ma seta jigi misjub hati ta'l-akkuza tar-recidiva fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi fis-sentenza li issir referenza ghaliha bhala prova tal-addebitu ta' recidiva u cioe' dik tat-22 ta' Jannar 2010, kienet giet imposta piena pekunjarja konsistenti f'multa, liema multa mill-fedina penali esebieta in atti jidher illi thallset fil-05 ta' Lulju 2012, u kwindi ma jistax jinghad illi s-sentenza kienet giet "skontata" fit-termini tal-ligi. Kwindi ghalkemm tirrizulta ir-recidiva taht l-artikolu 49, izda l-artikolu 50 ma huwiex applikabbli ghal kaz. Kwindi ser jkun hemm temperament fil-piena biex jigi rifless dan.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghda tilqa' l-appell in parte, tghaddi biex tikkonferma s-sentenza appellata fil-mertu fejn l-appellanti gie misjub hati tal-ewwel, it-tieni, u r-raba imputazzjonijiet, filwaqt li tiddikjarah recidiv biss fit-termini ta'l-artikolu 49, izda mhux 50 tal-Kodici Kriminali, ghalhekk tvarja l-piena inflitta u minflok dik ta' sitt snin u nofs prigunerija, tikkundannah ghal piena ta' hames snin prigunerija.

(ft)Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

[21] Ara sentenza Il-Puliija vs Marcus John Calleja deciza Qorti tal-Magistrati 22/07/2011